MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Rikors Numru. 1022/2010

**Imnara Limited (C26300), J & A Bonnici Limited (C9574) u J & A Bonnici (1923) Limited (C29864)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li kien prezentat fil-11 ta` Ottubru 2010 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti huma kredituri tas-socjeta` Gelati Riviera Limited (C22424) u l-kreditu taghhom gie kkanonizzat permezz ta` sentenza ta` dina l-Onorabbli*

*Qorti li ghaddiet in gudikat u li giet deciza fil-21 ta` Ottubru 2008 fl-ismijiet "Imnara Limited vs Gelati Riviera Limited" (Rikors Guramentat Numru 206/2008) u permezz ta` ittri ufficjali taht l-Art.166° tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta t-tnejn datati 16 ta` Frar 2009 u mahruga wahda mis-socjeta` J & A Bonnici Limited kontra Gelati Riviera Limited u l-ohra mis-socjeta` J & A Bonnici (1923) Limited kontra Gelati Riviera Limited u t-tnejn rezi esekuttivi fit-2 ta` April 2009. Kopja tas-sentenza relativa u tal-ittri ufficjali relattivi qeghdin jigu esebiti u mmarkati bhala Dokument A, B u C.*

*Illi s-socjetajiet esponenti ezekwew it-titolu esekuttiv kontra taghhom kontra l-imsemmija socjeta` Gelati Riviera Limited permezz ta` Mandati Esekuttivi li kopja taghhom qeghdin jigu hawn ezebiti u mmarkati bhala Dokument D, E u F.*

*Illi s-socjeta` Gelati Riviera Limited baqghet ma hallsitx l-ammont kanonizzat favur l-esponenti nonostante l-hrug tal-imsemmija Mandati Esekuttivi wara l-erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv in forza tal-imsemmija Mandati Esekuttivi.*

*Illi in forza u ghat-tenur tas-subartikolu 5 tal-Artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpanniji l-fatt li s-socjeta` Gelati Riviera Limited baqghet ma hallsitx l-ammont kanonizzat favur l-esponenti nonostante l-hrug tal-imsemmija Mandati Esekuttivi wara l-erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv in forza tal-imsemmija Mandati Esekuttivi ghandu jitqies li l-istess socjeta` Gelati Riviera Limited ma tistax thallas id-djun taghha.*

*Illi indipendentement minn dan l-istess Gelati Riviera Limited ma hijiex f`posizzjoni li thallas u ma tistax thallas id-djun taghha u waqfet topera u ilha ghal aktar minn sena tant li l-assi taghha gew kollha trasferiti lil terzi.*

*Illi ghalhekk skond il-paragrafu (ii) ta` paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 214 u subparagrafu (a) tas-subartikolu 5 tal-istess Artikolu 214 tal-att dwar il-Kumpanniji tal-1995, kif ukoll skond subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 2 tal-istess Artikolu 214 u subparagrafu (iii) ta` paragrafu (b) tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 214 tal-att dwar il-Kumpanniji tal-1995 is-socjeta` Gelati Riviera Limited ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-Qorti.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti esponenti bhala kredituri tas-socjeta` Gelati Riviera Limited u ghar-ragunijiet fuq esposti qeghdin, ghat-tenur u in virtu` ta` dak dispost fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 218 tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna x-xoljiment u konsegwenti stralc tas-socjeta` Gelati Riviera Limited Numru ta` Registrazzjoni C22424 u dan ghar-ragunijiet previsti u disposti subparagrafu (ii) ta` paragrafu (a) tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 214 u s-subparagrafu (a) tas-subartikolu 5 tal-istess Artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995, kif ukoll ghar-ragunijiet previsti u disposti f`subparagrafu (i) ta` paragrafu (a) tas-subartikolu 2 tal-istess Artikolu 214 u s=subparagrafu (iii) ta` paragrafu (b) tas-subartikolu 2 tal-istess Artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 u dan wara li l-istess socjeta` Gelati Riviera Limited baqghet ma hallsitx l-ammont kanonizzat favur l-esponenti rikorrenti nonostante l-hrug tal-imsemmija Mandati Esekuttivi wara l-erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv in forza tal-imsemmija Mandati Esekuttivi ma hijiex f`posizzjoni li thallas u ma tistax thallas id-djun taghha u waqfet topera u ilha ma topera ghal aktar minn sena tant li l-assi taghha gew kollha trasferiti lil terzi u ghad li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc ta` l-istess imsemmija socjeta` Gelati Riviera Limited.*

Rat id-dokumenti kollha li kienu esebiti mir-rikorrenti mar-rikors promotorju.

Rat li r-rikorrenti ndikaw bhala intimati fl-istanza taghhom lill-kumpannija Gelati Riviera Limited, Ronald Borg, Carmel Zammit u Raymond Zammit (fol 2).

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Ottubru 2010 (fol 37) fejn ordnat in-notifika tar-rikors promotorju lill-intimati u tathom zmien ghoxrin (20) jum biex iwiegbu u appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2010 fid-9.00 a.m.

Rat illi sal-udjenza tat-23 ta` Mejju 2011 l-intimati kienu kollha notifikati bl-atti izda ma pprezentawx risposta.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti fl-udjenza tat-23 ta` Mejju 2011 kif ukoll semghet lil Lawrence sive` Renzo Bonnici jixhed fl-istess udjenza.

Rat id-digriet moghti f`dik l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat id-digriet taghha moghti *in camera* fit-30 ta` Gunju 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza

Rat li d-diffikultajiet li din il-Qorti semmiet fid-digriet taghha tat-30 ta` Gunju 2011 kienu ccarati u risolti fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija Gelati Riviera Limited (C22424) skond l-**Art.214 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta.

It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala kredituri taghha li qeghdin isostnu l-pretiza taghhom skond l-Art.214 (2) (a) (i) u (ii), l-Art.214 (5) (a) u l-Art.214 (2) (b) (iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fil-paragrafu **(a)** tas-subartiklu **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **TISTA`** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq **iz-zewg subincizi** li jaghmlu l-imsemmi paragrafu **(a)**.

Skond is-subinciz **(i)**, kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti ... *jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perjodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin xahar*.

Skond is-subinciz **(ii)**, kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti ... *jekk il-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha*."

Riferibbilment ghas-subinciz **(ii)**, l-**Art.214(5)** jistabilixxi meta kumpannija ghandha titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghall-finijiet ta` dak is-subinciz.

Is-subartikolu **(5)** ghandu zewg subparagrafi.

Is-subparagrafu **(a)** huwa dak rilevanti ghall-mertu ta` din il-kawza (ghaliex kien **specifikament** citat mir-rikorrenti) u jaqra hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa` ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Ir-rikorrenti jsostnu *inoltre* li l-pretensjoni taghhom issib sostenn fl-**Art.214(b)(iii)** li jaqra hekk –

… *kumpannija* **GHANDHA** *tkun xolta bil-qorti fil-kazijiet li gejjin …*
*il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.*

**Ikkunsidrat :**

Dan premess, din il-Qorti tghid li mill-atti li jaghmlu parti mill-process jirrizulta hekk –

1) Permezz ta` sentenza moghtija fil-21 ta` Ottubru 2008 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza *Imnara Limited vs Gelati Riviera Limited (C22424)* il-kumpannija Gelati Riviera Limited kienet ikkundannata thallas lill-kumpannija rikorrenti Imnara Limited is-somma ta` €37,225.93 bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.

2) Din is-sentenza ghaddiet in gudikat.

3) Permezz ta` ittra ufficjali tas-16 ta` Frar 2009 skond l-Art.166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-rikorrenti J & A Bonnici Limited interpellat lil Gelati Riviera Limited sabiex thallasha is-somma ta` €4,851.77 ghar-ragunijiet hemm indikati.

4) L-att kien notifikat lil Gelati Riviera Limited fl-24 ta` Frar 2009 u ma jirrizultax li pprezentat risposta. Ghalhekk kien kostitwit skond il-ligi favur J & A Bonnici Limited titolu ezekuttiv.

5) Permezz ta` ittra ufficjali tas-16 ta` Frar 2009 skond l-Art.166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-rikorrenti J & A Bonnici (1923) Limited interpellat lil Gelati Riviera Limited sabiex thallasha is-somma ta` €23,096.72 ghar-ragunijiet hemm indikati.

6) Fit-22 ta` Jannar 2009, Imnara Limited ipprezentat Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru.98/09 kontra Gelati Riviera Limited ghall-kreditu kanonizzat fuq riferit. Is-sekwestrarji kienu notifikati fit-23 ta` Jannar 2009 waqt li s-socjeta` debitrici kienet notifikata fis-26 ta` Jannar 2009. Ghall-fini tal-Art.214(5)(a) tal-Kap.386, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-perijodu ta` erbgha u ghoxrin gimgha hija l-ezekuzzjoni tal-Mandat u allura n-notifika tas-sekwestratarji mhux in-notifika tad-debitur. Fil-kaz tal-lum irrizulta li s-socjeta` debitrici baqghet inadempjenti ghal aktar minn erbgha u ghoxrin gimgha wara l-eeskuzzjoni tal-Mandat.

7) Fil-11 ta` Mejju 2009, J & A Bonnici Limited ipprezentat Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru.1456/09 kontra Gelati Riviera Limited ghall-kreditu kanonizzat fuq riferit. Is-sekwestrarji (hlief wiehed) kienu notifikati fit-13 ta` Mejju 2009, sekwestratarju iehor kien notifikat fl-10 ta` Gunju 2009 waqt li s-socjeta` debitrici ma kenitx notifikata bl-att. Din il-Qorti terga` ssostni li ghall-fini tal-Art.214(5)(a) tal-Kap.386, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-

perijodu ta` erbgha u ghoxrin gimgha hija l-ezekuzzjoni tal-Mandat u allura n-notifika tas-sekwestratarji mhux in-notifika tad-debitur. Fil-kaz tal-lum irrizulta li s-socjeta` debitrici baqghet inadempjenti ghal aktar minn erbgha u ghoxrin gimgha wara l-eeskuzzjoni tal-Mandat.

8) Fil-11 ta` Mejju 2009, J & A (1923) Limited ipprezentat Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru.767/09 kontra Gelati Riviera Limited ghall-kreditu kanonizzat fuq riferit. Is-sekwestrarji kienu notifikati fit-13 ta` Mejju 2009 waqt li s-socjeta` debitrici ma kenitx notifikata bl-att.

9) Permezz ta` kuntratt tat-18 ta` Frar 2008, Gelati Riviera Limited bieghet, assenjat u ttrasferiet lil Gelati Mezzan Limited il-makkinarju u l-impjant taghha. Dan huwa konfermat mid-Dok Y a fol 65.

10) Fix-xhieda tieghu, Renzo Bonnici kkonferma li Gelati Riviera Limited mhijiex topera.

**Ikkunsidrat :**

Mill-kumpless tal-provi akkwiziti, il-kwadru li johrog tal-kumpannija Gelati Riviera Limited huwa li din hija kumpannija fi stat ta` insolvenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ma rrizulta li ghamlet l-ebda tentattiv sabiex tissalda d-debiti taghha mar-rikorrenti nonostante l-esekuzzjoni ta` mandati ezekuttivi kontra taghha. Fil-fatt irrizulta li l-krediti tal-kumpanniji rikorrenti ghadhom mhux sodisfatti.

Di piu` l-assjem tal-provi huwa wisq indikattiv tal-fatt li Gelati Riviera Limited mhix qeghda tinnegozja u ghalhekk remota hafna hija l-possibilita` li tista` b`xi mod

thallas id-dejn taghha versu r-rikorrenti. Del resto l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma gewx kontradetti.

Ghalhekk fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija Gelati Riviera Limited abbazi tal-artikoli kollha tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta citati mill-kumpanniji rikorrenti.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tiddikjara li fir-rigward tal-kumpannija Gelati Riviera Limited (C22424) jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi r-rekwiziti tal-Art.214 (2) (a) (i) u (ii), l-Art.214 (5) (a) u l-Art.214 (2) (b) (iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Ghalhekk qeghda tordna x-xoljiment tal-kumpannija Gelati Riviera Limited (C22424) b`effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 b`dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet –**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386.**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata.**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**4) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.**

**5) Tikkundanna lill-kumpannija Gelati Riviera Limited (C22424) abiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------